**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 16 ta' Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 282/2016 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldu zewg minuri, tifel Ayrton D– imwieled nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, elfejn u tnejn (2002) u F Gatt, imwielda nhar il-hmistax (15) ta' Marzu, elfejn u ghaxra (2010), it-tnejn rikonoxxuti minn C Dbhala missier naturali taghhom (ara c-certifikat at-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B);*

2. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet irrimedjabilment u konsegwentament l-esponenti tixtieq li tirregola l-manteniment u l-aċċess tal-imsemmi minuri;*

3. *Illi l-esponenti riedet li tirregola dan kollu b'mod bonarju, u nbdiet proċeduri ta' medjazzjoni, li fil-perkors taghhom b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti tat-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u hmistax (2015) gie stabbilit manteniment ta' erba' mitt ewro (€400) kull erba' (4) gimghat u sussegwentament l-access gie stabbilit permezz ta' digriet moghti fiddsatax (19) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) biss stante kumplikazzjonijiet ohra, il-medjazzjoni falliet (DOK C u DOK D rispettivament);*

4. *Illi b'konsegwenza ta' dan, l-espoennti fiet awtorizzata sabiex tipprocedi b'dil-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet moghti nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t'Ottubru elfejn u sittax (2016) (DOK E);*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premess, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportun, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna l-kura u l-kustodja tal-minuri Ayrton Du F Dtkun fdata f'idejn l-esponenti, b'dana illi l-minuri jghixu u jirrisjedu mal-omm, u dank if jigi stabbilit minn din l-Onorabli Qorti;*

2. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti ghall-imsemmijin minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-minuri in kwistjoni jaghlqu l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedu li jibqghu jistudjaq; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol jew kwlaunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-*

*esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja u li l-esponenti tircievi kwalunkwe beneficcji tat-tfal, inkluz imma mhux limitatament ic-children's allowance, fl-intier taghhom;*

3. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu ghadhom qed jistudjaw; inkluz, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjez ohra relatati mal-edukazzjoni inkluz spejjez relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;*

4. *Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lil minuri fosthom, izda mhux limitatament, dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, il-hrug tal-passaport tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan that kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi huwa minnu li l-partijiet kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal EDu F Gatt;*

2. *Illi l-esponenti ma jaqbilx illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata biss f'idejn l-omm;*

3. *Illi l-esponenti ghandu interess li l-manteniment, l-access u l-kura u l-kustodja tigi regolata stante li l-attrici u l-familjari taghha qeghdin jaghmlu minn kollox biex icahhdu lill-esponenti minn access adegwat minn ma' uliedu;*

[2] Fol. 17.

4. *Illi fil-manteniment ghal-uliedu ghandu jigi rifless illi salum l-attrici kienet u ghadha qiegha tokkupa u tgawdi d-dar li huwa frott il-hidma tal-esponenti u ghalhekk sal llum mhux qieghda jkollha spejjez ta' kera filwaqt illi l-esponenti qieghed jkollu jhallas l-kera;*

5. *Illi t-talbiet attrici huma kollha intizi sabiex icahhad lill-missier mid-drittijiet tieghu skont il-ligi u ghalhekk m'ghandhomx jintlaqghu u ghamdhom jigu michuda;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut,[3] li permezz tagħha ppremetta:

1. *Illi l-esponenti kellu relazzjoni mal-attrici u min din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal li jismhom EDu Sheyzal Gatt;*

2. *Illi l-esponenti xtara propjeta li huwa Flat bin-numru 1 li jinsab X, Triq il-X, Isla liema propjeta kien ghamilha fuq isem it-tnejn ghalkemm kien hallasha kollu bil-flus tieghu liema propjeta qieghda tirrisjedi fiha l-attrixi as eskluzzjoni tal-esponenti, filwaqt illi l-esponenti qieghed jkollu jikri biex ikollu fejn jirrisjedi;*

3. *Illi barra milli l-esponenti qieghed jigi mcahhad milli jgawdi l-proprjeta tieghu ghax sahansitra l-attrici bidlet ic-cavetta u qieghda tirrifjuta li taghtih kopja dahlet il-partner taghha H I jghix fil-propjeta li hija ta' l-esponenti wara li taf illi l-esponenti kien dejjem sostna illii ma setghux jghixu terzi u b'hekk dan l-attegjament zgur mhux accettabbli;*

4. *Illi minkejja li saru diversi tentattivi mill-esponenti sabiex jintlahaq ftehim bonarja, sahansitra b'abbozz ta' separazzjoni awtorizzat mill-Onorabbli Qorti wara medjazzjoni li kienet infethet fl-2013, l-attrici baqghet tirrifjuta li tersaq ghal kuntratt u dan specifikament ghaliex kien hemm klawsola li ma setghetax idahhal terzi persuni jghixu fid-dar li hadem ghaliha l-esponenti u nofsha tappartjeni lill-istess esponenti;*

[3] Fol. 19.

5. *Illi l-esponenti jahdem barra minn Malta u ghalhekk jkun msiefer ghal xi erbgha gimghat imma wara jigi Malta u jkollu xi tlett gimghat hawn, fejn jkun jixtieq jqatta' hafna hin ma' uliedu;*

*Ghaldaqstant, il-konvenut esponent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri, f'idejn l-partijie flimkien, b'dan illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri ta' natura straordinarja u cioe dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu mill-partijiet flimkien;*

2. *Tordna li l-esponenti jkollu access li jkun wiehed ampju partikolarment fiz-zmien meta jkun Malta, tenut kont tan-natura tax-xoghol tal-esponenti;*

3. *Tillikwida, manteniment ghat-tfal minuri u dan sakemm jaghlqu l-eta ta' tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom, b'da illi jekk it-tfal jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full-time wara l-eta ta' tmintax-il sena da nil-manteniment jithallas lit-tfal direttament u dan sakemm jaghlqu l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena jew sakemm jibdew jahdmu; u dan wara li jigi tenut kont tal-fatt ili l-attrici ilha ghal dawn l-ahhar tlett snin tirrisjedi esklussivament mal-partner taghha H I fid-dar li kienet ir-residenzjali tal-familja li hija ukoll propjeta tal-esponenti;*

4. *Taghti dawk il-provvedimenti xieraq u opportuni li jikoncernaw lit-tfal minuri fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari u dan kollu that kull provvediment xieraq u opportune li joghgibha taghti din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda minn issa tigi ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ix-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat;

Rat ir-risposta tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut,[4] li permezz tagħha eċċepixxiet:

---

[4] Fol. 56.

1. *Illi huwa minnu li l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal li jisimhom EDu Sheyzal Gatt;*

2. *Illi ghalkemm l-intimat xtara l-propjeta Flat bin-numru 1 li tinsab X, Triq il-X, Isla, mhuwiex minnu li da nil-fond inxtara minnu biss ghaliex din l-stess proprjeta' inxtrat permezz ta' loan bejn iz-zewg partijiet fejn il-propjeta' kienet tiswa circa elfejn lira Maltin (LM2000) u l-pagamenti bdew jithalsu miz-zewg partijiet permezz ta' joint account, izda minhabba li waqghu l-pagamenti b'lura, il-kumplament tal-pagamenti thallus mill-esponenti wahedha mill-ghajnuna tas-sigurta socjali li kienet tircievi;*

3. *Illi l-esponenti tichad bil-qawwa t-talba tal-intimat li jinghata cavetta tal-fond apena citat u dan sforz it-theddid, il-bizgha u l-vjolenza da parte l-intimat fuq l-esponenti u di fatti fi tieni (2) ta' Mejju efejn u hmistax (2015), inhareg Ordni ta' Protezzjoni*[5] *ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimat li jipprojibixxi l-istess intimat milli jdejjaq jew javvicina lill-esponenti ghall-tliet snin;*

4. *Illi lanqas huwa minnu li l-proceduri tal-medjazzjoni fallew tort tal-esponenti fuq klawsola li ma jidhlux terzi jghixu fil-fond in kwistjoni ghaliex propju m'hemm l-ebda terza persuna li tghix u tirrisjedi hemm kif jallega l-intmat fil-kontro-talba tieghu; Illi il-partner tal-esponenti u cioe' H I, jghix ma' ommu u mhux fil-fond numru 1 li jinsab X, Triq il-X, Isla;*

5. *Illi fl-access tal-minuri ghandu jigi rifless il-fatt li l-intimat diga inghata access liberu mill-esponenti izda jkun hu stess li hafna drabi, ma jmurx ghall-uliedu nonostante l-fatt li jkun hawn Malta u ghalhekk ikollu hafna aktar hin liberu li jista jqatta' maghhom. Illi minkejja dana kollu, l-intimat minghajr ma jaghti l-ebda avviz, ma jmurz ghall-uliedu;*

*Ghaldaqstat ir-rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tichad l-ewwel talba tal-intimat u takkorda li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun f'idejn l-esponenti, b'dan illi l-minuri jirrisjedu mal-omm;*

[5] Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – Magistrat Natasha I Scibberas B.A. LL.D.

2. *Tissoleva l-irrelevanza tat-tieni talba galadarba l-intimat ghandu l-facilita' tal-access liberu u xorta jonqos milli jmur ghall-uliedu fil-granet li ma jkunx xoghol, u jkuen qieghed Malta filwaqt I tikkonferma l-access liberu diga ezistenti bejn il-partijiet;*

3. *Taqbel mat-tielet talba fejn jigi illikwidat manteniment ghat-tfal minuri u dan sakemm jaghlqu tmintax-il sena fejn il-hlas izda ghandu jsir u jigi depozitat f'kont bankarju indikat mill-esponenti kull tmienja u ghoxrin gurnata (28) u f'kaz li jkomplu bl-istidji taghhom wara it-tmintax-il sena, il-manteniment ghandu jithallas lit-tfal direttament sakemm jaghlqu l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena jew sakemm jibdew jahdmu; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja. Illi l-esponenti titlob li l-konvenut ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri inkluzi u mhux limitatament l-iskola sajf u kwalunkwe spejjez ohra relattivi li jkopru t-tfal bhal per ezempju dawk relatati mal-precett u diversi okkazzjonijiet ohra;*

4. *Illi l-esponenti tikkonkorda mar-raba' talba tal-intimat;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Ayrton Gatt,[6] li għandu n-numru progressiv 2240 tas-sena 2002;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' F Gatt,[7] li għandu n-numru progressiv 1124 tas-sena 2010;

Rat id-digriet datat 2 ta' Marzu 2015,[8] fejn il-Qorti ordnat il-ħlas ta' mantenimet fis-somma ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għal minuri, oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri;

[6] Fol. 6.
[7] Fol. 7.
[8] Fol. 10.

Rat id-digriet datat 19 ta' Novembru 2016,[9] fejn il-Qorti ordnat *"illi meta l-ghada li t-tfal ikollhom l-iskola, l-access item fis-7.00pm u b'dan illi l-missier jiehu lit-tifla l-Muzew meta jkollha tmur fil-granet li tkun mieghu ghall-access, u b'dana illi l-missier ma jtellax lit-tfal fuq mutur meta jkunu mieghu u b'dan illi l-missier jigborhom minghand omm A B fil-bidu tal-access u jirritornahom hemm fit-tmiem l-access u jkun puntwali fil-hinijiet u b'dan ukoll li r-rikorrenti ma jaghmilx 'tattoos' fuq terzi persuni fil-prezenza tal-minuri"*;

Rat id-digriet tat-30 ta' Lulju 2021,[10] fejn il-Qorti ordnat li l-konvenut jħallas manteniment ta' €200 fix-xahar għal minuri F Du ma jibqgħax iħallas manteniment fir-rigward ta' EGatt, filwaqt li rriżervat li tipprovdi dwar il-ħlas lura f'manteniment għal EGatt;

Rat id-digriet tal-21 ta' Ottubru 2016,[11] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lil partijiet sabiex jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[12] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[13]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;[14]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[15]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[9] Fol. 11.
[10] Fol. 280.
[11] Fol. 12.
[12] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2017, a fol. 61.
[13] Fol. 330.
[14] Fol. 327.
[15] Fol. 326.

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieldu Ayrton u F, aħwa Gatt, nhar it-22 ta' Ġunju 2002 u l-15 ta' Marzu 2010, rispettivament. Jidher illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn u fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċaw jgħixu flimkien ma' ommhom, filwaqt li l-konvenut qiegħed igawdi minn dritt ta' aċċess u jipprovdi manteniment għal uliedu mensilment. Għalhekk l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward uliedha minuri tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, b'dana illi l-minuri jgħixu u jirrisjedu mal-omm;

ii. Tillikwida u tiffissa manteniment adegwat għal minuri, liema manteniment għandu jkun imnaqqas direttament mis-salarju jewqligħ tal-konvenut u konsegwentament depożitat f'kont bankarju indikat mill-attriċi, filwaqt li l-Qorti tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif għandu rivedut l-imsemmi manteniment;

iii. Tordna lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, inkluż l-ispejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;

iv. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa li jikkonċernaw, *inter alia,* is-safar, ħruġ tal-passaport, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi, u extra-kurrikulari.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut joġġezzjona għat-talbiet kif dedotti, għaliex skontu ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-kura u kustodja għandha tkun vestita f'idejn l-attriċi b'mod esklussiv, filwaqt li huwa jisħaq illi fil-kalkolu tal-manteniment ħandu jiġi rifless il-fatt illi l-attriċi qiegħda u tokkupa d-dar tal-konvenut.

Magħdud ma' dan, il-konvenut flimkien mar-risposta ġuramentata tiegħu pprevalixxa ruħu mill-fakolta' li jippreżenta kontro-talba, fejn talab:

i. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, b'danailli d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lil minuri ta' natura straordinarja jittieħdu mill-partijiet flimkien;

ii. Takkorda aċċess lil konvenut, liema għandu jkun wieħed ampju patikolaralment fiż-żmien meta jkun Malta tenut kont tan-natura tax-xogħol tal-konvenut;

iii. Tillikwida u tiffissa manteniment għal-minuri, u dan wara li iġi tenut kont tal-fatt illi l-attriċi ilha għal dawn l-aħħar tlett (3) snin tirrisjedi esklussivament mas-sieħeb tagħha fid-dar residenzjali tal-partijiet;

iv. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa li jikkonċernaw, inter alia, is-safar, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi, u extra-kurrikulari.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:</u>*

Permezz tal-affidavit tagħha,[16] l-attriċi tispjega li l-partijiet ltaqgħu f'Mejju tas-sena 1993, liema għerusija damet għal madwar sittax jew sbatax-il sena. L-attriċi tgħid illi sa mill-bidu tar-relazzjoni tagħhom, il-konvenut kien bniedem nervuż ħafna u aggressiv, tant li kien jispiċċa jerfa' jdejh u anke jkisser kulma jiġi għal idejh, u minħabba f'hekk kien ukoll spiċċa l-ħabs. Madanakollu l-attriċi tikkontendi illi hija baqgħat f'relazzjoni miegħu għaliex ma kienetx konsapevoli tal-problemi li huwa kellu d-dar.

Għal ħabta tas-sena 2000 u 2001, missier l-attriċi kellu ħanut, li miegħu kien hemm *store room*, liema fond ġie mixtri mill-partijiet biex jissetiljaw fih. Huma daħlu jgħixu fil-fond in kwisjoni xahar qabel ma twieled l-ewwel wild tal-partijiet. Mat-twelid tal-ewwel tarbija, beda l-inkwiet. Hekk kif it-tifel beda jitfarfar, l-attriċi tgħid li l-konvenut kien qed isir aggressiv u nervuż anke' ma'

[16] Fol. 24.

ibnu stess. Għal tali fini, l-attriċi ssemmi diversi episodji fejn il-konvenut kien jispiċċa jgħajjat u jgħid kliem ħażiin, fejn kien jispiċċa jwerwer lit-tifel. Għalkemm l-attriċi xtaqet titlaq mid-dar li kienu qed jgħixu fiha, hija qatt ma telqet minħabba x-xewqa tat-tifel li dejjem talabha li taħfer lil missieru.

L-agressivita' u r-rabja fil-konvenut baqgħat għal snin twal, u kompliet saħansitra meta l-attriċi kienet tqila bit-tieni wild. Dak iż-żmien il-konvenut kien iktar nervuż stante li kienu waqfuh minn xogħolu. L-episodji komplew, fejn kien aggressiv mal-attriċi. Konsegwentament twieldet it-tieni tarbija nhar il-15 ta' Matzu 2010, u kien reġa' beda jaħdem. Dak iż-żmien beda ukoll jmur il-garaxx kuljum għal ħin tal-4 ta' wara nofsinhar, u daħlilha suspett li fil-garaxx kien qed ikun hemm tfajla li taħdem ma' ommu bl-isem ta' Benna. Fil-fatt darba fost l-oħrajn, l-istess Benna kienet ċemplet id-dar tal-partijiet sabiex tinforma lil konvenut li kienet ħarġet tqila b'wild tiegħu. Kien għalhekk li huwa qabad il-ħwejjeġ tiegħu u telaq mid-dar, fejn mar jikri appartament iż-Żejtun. Skopriet li l-konvenut kien qiegħed jgħix ma' Benna u binthom. Għalhekk l-attriċi għażlet li tibni ħajjitha mill-ġdid, imma kif il-konvenut induna b'dan, huwa beda mur id-dar tal-partijiet jagħmel ix-xenati u jkisser, u saħansitra anke refa' jdejh fuq l-attriċi.

Kien għalhekk li l-attriċi bdiet il-proċess legali, fejn fil-medjazzjoni tgħid li talbet għal €400 fix-xahar bħala manteniment għat-tfal, filwaqt li kienet tatu aċċess liberu għat-tfal stante li jsiefer fuq xogħol. Fil-fatt permezz ta' digriet datat 2 ta' Marzu 2015, il-Qorti ordnat lil konvenut sabiex iħallas is-somma ta' €400 kull erba' ġimgħat bħala manteniment u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. L-attriċi tgħid illi kien għamel perjodu ta' madwar sitt (6) jew seba' (7) xhur, fejn kien qed iħallas is-somma ta €300 minnflok is-somma ordnata mill-Qorti. Minħabba f'hekk il-konvenut kien weħel għaxart (10) ijiem ħabs. Barra minn hekk, l-attriċi tikkontendi illi għalkemm il-partijiet ma jitkellmux, hija qatt ma ċaħdet lill-ulied minn missierhom. Iżda tixtieq li l-kura u kustodja tal-minuri tkun f'idejha. L-aggressivita' tal-konvenut baqgħat konsistenti tant li l-attriċi tgħid li l-konvenut wasal biex heddidha saħansitra quddiem l-avukati fil-medjazzjoni. Għalhekk kien ċar li l-partijiet ma kienux ser jaslu, u l-Qorti awtorizzathom sabiex jipproċedu b'kawża legali.

L-attriċi xehdet *viva voce*,[17] fejn żiedet tgħid li l-konvenut mhux iħallas l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, u dan minkejja li għaddietlu l-irċevuti. Tispjega ukoll li għalkemm iħallas il-manteniment, huwa qiegħed iħallas dan kull xahar u mhux kull erba' (4) ġimgħat kif ordnat mill-Qorti. Magħdud ma' dan, l-attriċi tikkonferma li binha l-kbir għandu sittax-il sena u ser jibda jattendi l-MCAST. Għalhekk tindika l-ammont ta' spejjeż li għandu jagħtiha l-intimat, li huwa dak ta' €494.80.[18]

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 25 ta' Diċembru 2014*,[19] fejn talbet għall-assistenza tal-Pulzija minħabba li l-ex sieħeb tagħha kien mar fir-residenza bl-indirizz *"X, Flat X, Triq il-X, l-Isla"* u beda jhedded u jinsultaha. Meta l-Pulzija waslu fuq il-post, huma sabu lil konvenut jhedded lill-attriċi sabiex toħroġ minn daru;

b. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat l-1 ta' Mejju 2015*,[20] fejn talbet l-assistenza tal-Pulizija minħabba li l-ex sieħeb kien qed jheddidha u jinsulentaha. Sakemm l-attriċi kienet fuq it-telefon, il-Pulizija setgħu jisimgħu lil konvenut jgħid *"Iva cempel lil Pulizija ha jigu, illum xeba sikkina intik"*. Mal-wasla tagħhom il-Pulizija sabu oġġetti mkissrin, u l-konvent aġitat u vjolenti, filwaqt li jsabbat l-affarijiet;

c. *Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 6 ta' Settebru 2013*,[21] fejn l-attriċi rrapurtat li kellha argument mal-konvenut ġewwa r-residenza tagħhom bl-indirizz *"X, Flat X, Triq il-X, l-Isla"*, u mal-wasla tagħhom il-Pulizija raw li l-attriċi kellha demm ma' rasha wara inċident li l-partijiet kellhom dwar il-manteniment tal-minuri. Ġara illi l-konvenut kien vjolenti magħha, iwaddab l-affarijiet u appena ssakkret fil-kamra tal-banju, hija semgħatu joħroġ is-skieken;

[17] Fol. 76.
[18] Fol. 79.
[19] Fol. 30.
[20] Fol. 32.
[21] Fol. 34.

d. *Digriet datat 21 ta' Ottubru 2016*,[22] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lil partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini imposti fil-liġi;

e. *Digriet datat 2 ta' Marzu 2015*,[23] fejn il-Qorti ordnat lil konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għal minuri, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

f. *Taħrika ta' xhud fil-kawża fl-ismijiet Pulzija vs. CGatt*,[24] maħruġa lill-attriċi nhar it-18 ta' Jannar 2017 sabiex tidher quddiem l-Imhallef Giovanni Grixti nhar it-23 ta' Frar 2017;

g. *Rikors ippreżentat fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni bin-numru 1113/2013 fl-ismijiet A B vs C Gatt*,[25] mill-attriċi stess fejn talbet lill-Qorti sabiex tiffissa retta alimentari *pendente lite* għal uliedha sabiex iservi bħala manteniment għalihom, kif ukoll tordna lil konvenut iħallas l-istess – liema rikors għandu anness miegħu prospett ġuramentat dwar l-introjtu sħiħ u spejjeż li tinkorri l-attriċi, fejn tiddikjara illi l-ispejjeż ordinarji tagħha fix-xahar huma ta' madwar €359.54 (hekk ikkorraborati permezz ta' numru ta' rċevuti), filwaqt li l-ispejjeż straordinarji huma ta' madwar €55 (hekk ikkorraborati ukoll permezz ta' numru ta' rċevuti), li flimkien jammontaw għas-somma ta' €414.54;

h. *Rikors ippreżentat fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni bin-numru 280/2016 fl-ismijiet A B vs C Gatt*,[26] mill-konvenut fejn talab lill-Qorti sabiex l-aċċess jiġi regolat skont kif dedott minnu;

i. *Digriet datat 19 ta' Novembru 2016*,[27] fejn il-Qorti ordnat *"illi meta l-ghada li t-tfal ikollhom l-iskola, l-access item fis-7.00pm u b'dan illi l-missier jiehu lit-tifla l-Muzew meta jkollha tmur fil-granet li tkun mieghu ghall-access, u b'dana illi l-missier ma jtellax lit-tfal fuq mutur meta jkunu mieghu u b'dan illi l-missier jigborhom minghand omm A B fil-bidu tal-access u*

[22] Fol. 37.
[23] Fol. 38.
[24] Fol. 39.
[25] Fol. 41.
[26] Fol. 51.
[27] Fol. 53.

*jirritornahom hemm fit-tmiem l-access u jkun puntwali fil-hinijiet u b'dan ukoll li r-rikorrenti ma jaghmilx 'tattoos' fuq terzi persuni fil-prezenza tal-minuri"*;

j. *Ix-xhieda ta' G B*,[28] ossija missier l-attriċi li jikkonferma li bintu tieħu xi benefiċċji mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, kif ukoll li huwa jgħinha f'kollox anke finanzjarjament. In kontro-eżami, ix-xhud jgħid li bintu ma taħdimx u li fid-dar tagħha joqgħodu hi u uliedha, u ma jafx li s-sieħeb ta'bintu jorqod għandha filgħaxija.

*Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:*

Permezz ta' affidavit tiegħu,[29] il-konvenut jispjega li kellu relazzjoni mal-attriċi u minn din ir-relazzjoni twieldu żewġt ulied. Jgħid ukoll illi meta kienu qed jistennew l-ewwel tarbija, kienu xtraw fond flimkien, u l-pagamenti tal-istess kien għamilhom kollha hu hekk kif huwa dejjem ħadem filwaqt li l-attriċi qatt ma ħadmet. Jgħid illu huwa kien jaħdem tlett (3) ġimgħat barra minn Malta u tlett (3) ġimgħat Malta. Meta kien ikun Malta ma kienx jieħu pjaċir li l-attriċi kienet tkun dejjem bil-ħbieb id-dar, u b'hekk kien ikollhom ħafna argumenti. Magħdud ma; da nil-konvenut jgħid li kellu suspett li sakemm huwa kien ikun jaħdem barra minn Malta, l-attriċi kellha wiċċ ħaddieħor. Għalhekk kien tal-fehma li ma setawx ikomplu flimkien, fejn it-tfal jaraw dawn ix-xenati kollha.

Il-konvenut jispjega li huwa kien temm ir-relazzjoni tiegħu minn mal-attriċi meta kien xogħol barra minn Malta fl-2012. Jinnega li kien vjolenti mal-attriċi, u jisħaq li kien lest li l-attriċi tibqa' tgħix fid-dar tagħhom sakemm it-tfal jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, salv li ma jidħolx terza persuna. Jispejga li huwa dejjem kellu relazzjoni tajba ma' uliedu. Jgħid li l-attriċi li kellha attitudni aggressiva, u jallega li kienet refgħat idejha fuq ommha. Ikompli jgħid li l-problemi eskalaw meta huwa mar jgħix mas-sieħba tiegħu, għaliex bdiet il-pika. Jagħti rendikont ta' episodju fejn il-partijiet kellhom argument dwar l-aċċess tat-tfal, fejn l-attriċi spiċċat marret b'furkettun tal-għaġin għal konvenut, filwaqt li l-konvenut biex ma jerfax idu fuqha spiċċa biex ta daqqa lit-televiżjoni. Jgħid li wara dan l-inċident, l-attriċi ma ħallietx lil konvenut jieħu lil uliedu għall-aċċess, u qatgħat kull kommunikazzjoni.

[28] Fol. 83.
[29] Fol. 263.

Jingħad li l-konvenut ma baqax jaħdem barra minn Malta u l-paga tiegħu naqset drastikament. Barra minn hekk jgħid li kellu jieqaf jikri, u hu flimkien mas-sieħba tiegħu u binhom, marru jgħixu ma' ommu. Illum jgħix mas-sieħba tiegħu li għandha post tal-Gvern. Huwa tal-fehma illi *"peress illi hallejthom joqghodu d-dar li hija nofsha tieghi, minghajr hlas dan ghandu jigi ikkonsidrat bhala parti mill-manteniment ghax qieghda tiffranka kirja fix-xahar li illum ma ssibx inqas minn tmien mitt ewro (€800) fix-xahar waqt illi jiena ma naffordjax nikri post ghalija u l-ewwel kelli mmur nghix ma' ommi u li kieku ma kinitx ghal partner tiegħi ma naffordjax nghix ghalija".*[30] Barra minn hekk jippretendi illi d-dar tinbiegħ, filwaqt li jieħu lura s-somma ta' €1,600 f'manteniment li ħallas żejjed għal ibnu EDgħal perjodu bejn Ġunju 2019 sa Frar 2020.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' Connie Azzopardi in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,*[31] li tippreżenta dokument bil-benefiċċji li tipperċepixxi l-attruċi li jistabbilixxi rendikont tad-dħul tal-attriċi bejn is-sena 2013 u l-2019 bħala *children allowance* u għajnuna soċjali;[32]

b. *Ix-xhieda ta' Maria Gauci in rappreżentanza ta' JTI Company Limited,*[33] li tikkonferma li l-attriċi bdiet taħdem magħhom mit-2 ta' Lulju 2018 fuq bażi *part-time* jew inkella *full-time reduced hours* u sussegwentament qalbet għal tletin (30) siegħa fil-ġimgħa mill-5 ta' Novembru 2018. Tikkonferma ukoll li għanda paga ta' €708. Ix-xhud tippreżenta: (i) FS3 tal-attriċi għas-sena 2018 fejn l-introjtu gross tagħha kien ta' €4,643,[34] (ii) l-ewwel *payslip* tagħha b'introjtu nett ta' €223.77 għal perjodu bejn it-2 u t-13 ta' Lulju 2018,[35] (iii) l-aħħar tlett (3) *payslips* tas-sena 2018 li juru paga ta' ġimagħtejn b'introjtu nett ta' €462.87 għal perjodu bejn is-17 u t-30 ta' Novembru 2018, €353 għal perjodu bejn l-1 u l-14 ta' Diċembru 2018, u €342.76 għal perjodu bejn il-15 u t-28 ta' Diċembru 2018,[36] (iv) *payslip* tas-sena 2019 b'introjtu nett ta' €372.99 għal perjodu bejn id-29 ta' Diċembru

[30] Fol. 264.
[31] Fol. 96.
[32] Fol. 100: dwar ic-*children allowance*, fol. 101 – 105: dwar l-għajnuna soċjali u *tapered social assistance*.
[33] Fol. 97.
[34] Fol. 106.
[35] Fol. 107.
[36] Fol. 108 – 110.

2018 u l-11 ta' Jannar 2019,[37] (v) kuntratt tal-ingaġġ tagħha,[38] (vi) *renewal* tal-istess kuntratt sat-2 ta' April 2019,[39] (vii) l-*engaagement form* mal-Jobsplus,[40] (viii) *wage increase* li ħadet l-attriċi f'Awwissu 2018,[41] (ix) *wage increase* li ħadet l-attriċi għas-sena 2019,[42] u (x) tibdil fis-sigħat tax-xogħol;[43]

c. *Ix-xhieda ta' Sylvia Zarb WPC 117 in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[44] fejn ippreżenta is-segwenti rapporti:

1. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 21 ta' Ottubru 2017,[45] rigward nuqqas ta' ħlas ta' spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

2. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 14 ta' Novembru 2017,[46] rigward il-fatt li l-konvenut naqas milli jeżerċita l-aċċess mat-tfal skont id-digriet tal-Qorti;

3. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 17 ta' Awwissu 2017,[47] rigward il-fatt li l-konvenut naqas milli jeżerċita l-aċċess mat-tfal skont id-digriet tal-Qorti;

4. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 13 ta' Jannar 2017,[48] rigward il-fatt li l-konvenut naqas milli jeżerċita l-aċċess mat-tfal skont id-digriet tal-Qorti;

5. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 15 ta' Settembru 2016,[49] rigward theddid da parti l-konvenut fil-konfront tagħha waqt il-medjazzjoni;

[37] Fol. 111.
[38] Fol. 112 – 114.
[39] Fol. 115.
[40] Fol. 116.
[41] Fol. 117.
[42] Fol. 118.
[43] Fol. 119.
[44] Fol. 121.
[45] Fol. 124.
[46] Fol. 127.
[47] Fol. 130.
[48] Fol. 133.
[49] Fol. 135.

6. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 15 ta' Frar 2016,[50] rigward nuqqas ta' ħlas ta' spejjeż ta' saħħa;

7. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 19 ta' Novembru 2015,[51] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment sħiħ skont id-digriet tal-Qorti;

8. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 17 ta' Settembru 2015,[52] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal minuri għax-xahar ta' Awwissu;

9. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 25 ta' Ottubru 2015,[53] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment sħiħ skont id-digriet tal-Qorti;

10. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 18 ta' Awwissu 2015,[54] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment sħiħ skont id-digriet tal-Qorti;

11. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 20 ta' Lulju 2015,[55] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment sħiħ skont id-digriet tal-Qorti;

12. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 4 ta' Meju 2015,[56] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment sħiħ skont id-digriet tal-Qorti;

13. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 1 ta' Mejju 2015,[57] rigward assistenza minngħand il-Pulzija minħabba argument li nqala bejn l-attriċi u l-konvenut, fejn dan tal-aħħar beda jinsulentaha u jheddidha, tant li kien qiegħed jinstema' minn fuq it-telefon;

---

[50] Fol. 138.
[51] Fol. 141.
[52] Fol. 144.
[53] Fol. 147.
[54] Fol. 150.
[55] Fol. 152.
[56] Fol. 155.
[57] Fol. 158.

14. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 30 ta' Ġunju 2015,[58] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment sħiħ skont id-digriet tal-Qorti;

15. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 20 ta' April 2015,[59] rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment skont id-digriet tal-Qorti;

16. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 17 ta' Jannar 2015,[60] rigward assistenza minngħand il-Pulzija minħabba argument li nqala bejn l-attriċi u l-konvenut, fejn dan tal-aħħar beda jinsulentaha, jheddidha u jkun vjolenti magħha;

17. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 25 ta' Diċembru 2014,[61] rigward assistenza minngħand il-Pulzija minħabba argument li nqala bejn l-attriċi u l-konvenut, fejn dan tal-aħħar beda jinsulentaha u jheddidha;

18. Rapport magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut datat 6 ta' Settembru 2013,[62] rigward assistenza minngħand il-Pulzija minħabba argument li nqala bejn l-attriċi u l-konvenut, fejn dan tal-aħħar beda jinsulentaha, jheddidha u jkun vjolenti magħha;

19. Rapport magħmul mill-konvenut kontra H I datat 17 ta' Ottubru 2015,[63] rigward insulti da parti I waqt li kien qed isuq il-karozza viċin fejn kien il-konvenut;

20. Rapport magħmul minn Mario Cassar kontra H I datat 28 ta' Ottubru 2015,[64] rigward theddid mis-sieħeb tal-ġara tiegħu minħabba xi ħsarat;

d. *Ix-xhieda ta' Eunice Grech Fiorini in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali*,[65] fejn ddikjarat li ma hemm l-ebda sentenza kontra l-attriċi, filwaqt li ppreżentat numru ta' sentenzi fil-konfront ta' H I:

[58] Fol. 161.
[59] Fol. 163.
[60] Fol. 166.
[61] Fol. 170.
[62] Fol. 173.
[63] Fol. 177.
[64] Fol. 181.
[65] Fol. 121.

1. Sentenza fl-ismijiet Il-Pulzija (Spettur Frankie Sammut) vs. H I, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Ottubru 2012,[66] mhux appellata: fejn H I nstab ħati talli volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, ċjoe' vettura ta' terza persuna;

2. Sentenza fl-ismijiet Il-Pulzija (Spettur Fabian Fleri) vs. H I, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriinali nhar it-3 ta' Mejju 2010,[67] mhux appellata: fejn H I nstab ħati talli volontarjament għamel il-ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, ċjoe' vettura ta' terza persuna;

3. Sentenza fl-ismijiet Il-Pulzija (Spettur Frankie Sammut) vs. H I, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Ottubru 2012,[68] mhux appellata: fejn H I nstab ħati talli kkommetta serq u sar reċediv;

e. <u>*Ix-xhieda ta' Raymond Mangion in rappreżentanza tal-MCAST*</u>,[69] fejn ippreżenta s-segwenti dokumenti: (i) dokument dwar il-kors li segwa EDfis-snin 2018 sas-7 ta' April 2020,[70] (ii) *student absence report* flimkien ma' riżultati għal perjodu bejn it-8 ta' Ottubru 2018 u s-26 ta' Ġunju 2019,[71] (iii) *student absence report* flimkien ma' riżultati għal perjodu bejn l-1 ta Ottubru 2019 u l-10 ta' Lulju 2020.[72] Ġie ddikjarat mix-xhud li EDma għadux jattendi l-MCAST;

f. <u>*Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*</u>,[73] fejn ippreżenta l-*employment history* ta' EGatt, fejn jidher li qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time* ma' JTI Company Ltd sa mit-13 ta' Lulju 2020. Mill-istess dokument jirriżulta illi EDħadem hekk: (i) mis-16 ta' Lulju 2018 sal-20 ta' Settembru

[66] Fol. 185.
[67] Fol. 188.
[68] Fol. 190.
[69] Fol. 219.
[70] Fol. 223.
[71] Fol. 224 – 237.
[72] Fol. 238 – 247.
[73] Fol. 219.

2018, mis-17 ta' Lulju 2019 sal-11 ta' Settembru 2019, u mit-13 ta' Lulju 2020 'il quddiem ma' JTI Company Ltd dejjem fuq bażi *full-time*;[74]

g. *Ix-xhieda ta' Maria Gauci in rappreżentanza ta' JTI Company Ltd*,[75] fejn tiddikjara li EDħadem mal-kumpanija in kwistjoni xahrejn fis-sena 2019, umbagħad mar lura l-MCAST, u sussegwentament reġa' beda jaħdem magħhom fit-13 ta' Lulju 2020 fuq bażi *full-time*. Tgħid ukoll li fis-sena 2018 kien ukoll għamel *summer work* fuq bażi *full-time*;

h. *Ix-xhieda tal-attriċi*,[76] li tikkonferma li l-konvenut ilu li telaq mid-dar għal madwar tmienja (8) jew disa' (9) snin, u ħafna drabi hi kienet dehret il-Qorti minħabba argumenti mal-konvenut. Tgħid li d-dar hija tagħha għaliex hija ħalset għal pagamenti, meta fuq il-kuntratt dehret flimkien mal-konvenut, għalkemm tgħid li missierha għamillha tajjeb għax il-konvenut ma kellux flus. Tiċħad li l-konvenut ħallas il-pagamenti, kif ukoll li flimkien magħha fid-dar jgħix is-sieħeb tagħha H I. Tgħid li ma kienetx taf li kellha tinfurma lill-avukat tagħha meta binha beda jaħdem fuq bażi *full-time*. Tikkonferma illi għalkemm il-manteniment dejjem tħallas, l-konvenut qatt ma ħallas spejjeż rigward saħħa u edukazzjoni. Jiġi miżjud ukoll li l-konvenut ilu ma jieħu lit-tfal għall-aċċess min Frar 2020. Tinnega li qatt kienet vjolenti miegħu, iżda tikkonferma li hu kien vjolenti magħha. In kontro-eżami, l-attriċi tgħid li meta kien hemm *in vigore* l-garanzija, kien isir kuntatt bejn omm il-konvenut u l-attriċi dwar l-aċċess tat-tfal, iżda dan waqaf kollu mal-bidu tal-pandemija;

i. *Nota tal-konvenut ippreżentata nhar l-4 ta' Ottubru 2022*,[77] permezz ta' liema ppreżenta:

1. Kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-fond tal-partijiet, datat 9 ta' April 2002 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri;[78]

2. Kopja ta' *valuation* tal-fond in kwsitjoni, datata 24 ta' Mejju 2016 hekk redatta mill-Perit Christopher Mintoff;[79]

[74] Fol. 248.
[75] Fol. 222.
[76] Fol. 254.
[77] Fol. 310.
[78] Fol. 311
[79] Fol. 322.

j. <u>*Affidavit tal-Perit Christopher Mintoff, debitament maħluf nhar l-10 ta' Ottubru 2022 u ppreżentat fil-11 ta' Novembru 2022*</u>,[80] rigward il-veraċita' tal-valur tal-fond in kwistjoni kif ddikjarat fir-rapport tiegħu tal-2016.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-<u>kura u kustodja</u>, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[81] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[82] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[83] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[84] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u*

[80] Fol. 325.
[81] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[82] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[83] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[84] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

*kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[85] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[86] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

[85] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[86] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversament

preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon I Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet “***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud”** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* **A sive BC vs D sive EC** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* **Joseph Micallef vs Lesya Micallef** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)”.*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*“In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated*

*controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

**a. Kura, Kustodja, Residenza, Aċċess u Mantentiment fir-rigward ta' EGatt:**

Il-Qorti tara illi EDtwieled nhar it-22 ta' Ġunju 2002, u llum għandu għoxrin (20) sena. Għalhekk huwa maġġorenni u l-kwistjonijiet ta' kura, kustodja, residenza u aċċess huma ormai eżawriti. Barra minn hekk, mill-atti jirriżulta ukoll li EDjinsab ingaġġjat fuq bażi *full-time*, u għalhekk ma għadx hemm lanqas lok illi l-Qorti tiddeċiedi rigward il-kwistjoni tal-manteniment.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara li t-talbiet odjerni fir-rigward ta' EDhuma eżawriti, u b'hekk ser tikkonsidra u tillimita t-talbiet kif dedotti mill-partijiet fir-rikors ġuramentat u l-kontro-talba tagħhom fir-rigward ta' F Dbiss, li għandha kważi tlettax-il (13) sena, u b'hekk għadha minorenni u taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħha.

**b. Kura, Kustodja u Residenza tal-Minuri:**

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F Gatt, bint il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-konvenut qiegħed jitlob illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita b'mod konġunt bejn il-partijiet b'dana illi l-minuri tirrisjedi mal-omm u huwa jħallas manteniment u jgawdi minn aċċess adegwat.

Mix-xhieda taż-żewġ kontendenti jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldu żewġ ulied, fosthom F Gatt. Għalkemm l-attriċi

qiegħda titlob li hija tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, mill-atti jidher li l-konvenut irid li din tibqa' konġunta. Fi kwalsiasi każ il-Qorti tara li l-partijiet kienu jgħixu taħt l-istess saqaf, iżda l-konvenut spiċċa biex telaq mid-dar li kienu qegħdin jgħixu fiha. Ir-raġuni għaliex dan seħħ hija kontrastanti bejn parti u oħra, fejn l-attriċi tgħid li l-konvenut kellu relazzjoni ma' Benna Farrugia, li minnha kellu wild, u li kien dejjem vjolenti u aggressiv fil-konfront tagħha quddiem it-tfal, filwaqt li l-konvenut jgħid li l-attriċi kienet vjolenti u huma dejjem kienu jargumentaw bejniethom. Mill-provi mresqa, b'mod partikolari mir-rapporti tal-Pulizija u s-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali jidher ċar illi l-konvenut huwa bniedem ta' demmu spont u nervuż għall-aħħar. Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut meta jgħid li huwa ma huwiex vjolenti, meta r-rapporti tal-Pulizija jgħidu mod ieħor. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li l-konvenut ma kkorraborax il-verżjoni tiegħu fil-konfront tal-attriċi, u lanqas ma ġab prova illi s-sieħeb tal-attriċi jabita fil-fond in kwistjoni. Għalhekk fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab sodisfatta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri F Dgħandha tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha.

Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bażika u dank if jikkonfermaw il-partijiet nfushom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[87] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*. Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[88] fejn il-Qorti saħqet illi *"filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri"*. Dan kollu ġie rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Booker vs Roger Mahlangu**.[89]

## c. Aċċess għal Minuri:

[87] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).
[88] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata.
[89] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata).

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[90]

Il-minuri għandha d-dritt li tgawdi kemm lil ommha u kif ukoll lil missierha, u m'għandhiex tiġi mċaħħad minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[91] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fiċ-ċirkostanzi odjerni, għalkemm għad hemm *in vigore* ordni tal-Qorti dwar l-aċċess, ma jirriżultax li tali ordni qiegħda tiġi osservata. Fi kwalunkwe każ il-Qorti hija tal-fehma illi tali ordni *pendente lite* m'għadux jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi stante li l-minuri llum għandha kważi tlettax-il (13) sena u *di piu'* l-konvenut ma jżommx aċċess kostanti ma' bintu. B'hekk il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi odjerni l-aċċess għandu jkun wieħed liberu bejn il-konvenut u l-minuri billi jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluż f'Jum il-Missier, għeluq żmien il-konvenut, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri. F'dan ir-rigward il-Qorti teżiġi lill-attriċi sabiex tiffaċilita tali aċċess stante li dan iservi ta' benefiċċju għal minuri nnifsha.

[90] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[91] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

## d. Manteniment għal Minuri:

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura u l-kustodja tal-minuri ser ikunu vestiti esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza l-minuri ser tgħix magħha, l-intimat għandu jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri bintu. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[92] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[93] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[94] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[95]".".*

Mill-provi mresqa, il-Qorti kkunsidrat li għalkemm ġie stabbilit x'inhu l-impjieg tal-attriċi, min-naħa l-oħra l-Qorti għandha indikazzjoni li l-konvenut qiegħed jaħdem bħala xuffier. Madanakollu, il-Qorti ma għandha prova konkreta dwar l-introjtu attwali tal-partijiet, u mill-atti jirriżulta li fil-passat l-atriċi resqet prospett tal-ispejjeż relatati mal-minuri li jammontaw għal €414.54 fix-xahar. Tara ukoll li skont l-aħħar digriet *pendente lite* datat 30 ta' Lulju 2021,[96] il-Qorti ordnat li l-konvenut jħallas manteniment ta' €200 fix-xahar għal minuri F Gatt.

---

[92] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[93] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[94] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[95] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[96] Fol. 280.

Il-Qorti tħoss opportun illi tissottolineja illi fil-likwidazzjoni ta' manteniment ma hemmx lok illi tidħol fil-kwistjoni ta' min hi d-dar, tieħu in konsiderazzjoni ta' tpaċija bejn kirja u manteniment, jew li addirittura tordna l-bejgħ tal-fond in kwistjoni. Din hija kawża li tittratta l-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, u b'hekk dak li jinteressaha l-Qorti f'dan l-istadju li tara li l-minuri tingħata manteniment adegwat.

Tenut taċ-ċirkostanzi u l-provi mresqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) f'manteniment kull xahar, kif ukoll is-somma ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u disgħin (€295) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut u depożitat f'kont bankarju indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F Dsakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

**e. Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta: (i) Arretrati ta' Spejjeż relatati mas-Saħħa u Edukazzjoni tal-Minuri, (ii) Rifużjoni ta' Mateniment, (iii) Provvediment Ulterjuri:**

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti

tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti s-segwenti provvedimenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri:

i. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza tgħix magħha filwaqt li l-missier ikollu dritt għall-aċċess adegwat, il-Qorti tordna ukoll illi:

   a. Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, filwaqt li,

   b. Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

   c. Il-konvenut għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day*, (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha; u,

   d. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi.

ii. Mill-atti jidher illi permezz ta' digriet *pendente lite* datat 2 ta' Marzu 2015,[97] il-Qorti ordnat lil konvenut iħallas is-somma ta' €400 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għal minuri, oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri. Madanakollu jirriżulta illi għalkemm ma

[97] Fol. 10.

hemm l-ebda pendenzi f'manteniment, l-attriċi tisħaq illi l-konvenut qatt ma ħallas sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jgħid illi l-attriċi għandha tirrifondi lura s-somma ta' elf u erba` mija (€1,400) f'manteniment li tħallas żejjed fil-konfront ta' ibnu EDstante li dan kien beda jaħdem fuq bażi *full-time*. Fil-fatt permezz ta' digriet datat 30 ta' Lulju 2021,[98] il-Qorti rriżervat dwar dan. Għalhekk tħoss li jkun opportun illi tagħmel dan f'din is-sentenza u dan f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju kif ukoll bid-diskrezzjoni mogħtija lilha ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili u fl-aqwa interess tal-minuri sabiex ma jkunx hemm iktar lok ta' ġlied inutli bejn il-partijiet b'dannu għal minuri.

Mill-atti ma hemm l-ebda dubju illi l-konvenut qatt ma ħallas sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Fil-fatt huwa ma ressaq l-ebda prova ta' dan, anzi kull prova li hemm ta' ħlas huwa dak tal-manteniment. Barra minn hekk, il-Qorti tara li l-attriċi kienet ukoll rrappurtat tali inċidenti mal-Pulizija. Għalhekk il-Qorti tordna lil konvenut sabiex:

a. Fir-rigward ta' EGatt, il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' ħamsa u sebgħin (€75) kull xahar bħala sehmu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni b'effett minn Marzu 2015 sa Ġunju 2020;

b. Fir-rigward ta' F Gatt, il-konvenut għandu jħallas is-somma ta' ħamsa u sebgħin (€75) kull xahar bħala sehmu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni b'effett minn Marzu 2015 'il quddiem.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara li mis-somma li trid tiġi mgħoddija lill-attriċi mill-konvenut rappreżentanti sehmu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni ta' uliedu, trid tiġi mnaqqsa s-somma ta' elfejn u mitejn Ewro (€2,200).[99]

**DEĊIDE:**

[98] Fol. 280.

[99] Il-Qorti rat li l-konvenut għandu jiġi rifuż ħdax-il pagament ta' manteniment, ossija taż-żmien kollu li Ayrton Dkien qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time* – xahrejn fis-sena 2018, xahrejn fis-sena 2019, u l-pagamenti kollha li saru minn Lulju 'il quddiem fis-sena 2020 (fejn il-konvenut ġab prova li huwa ħallas minn Lulju 2020 sa Jannar 2021, ċjoe' 7 pagamenti).

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi fir-rigward ta' F Du tordna li l-kura u kustodja taġġha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tilqa' limitatament it-tieni u t-tielet talba attriċi fir-rigward ta' F Du tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) f'manteniment kull xahar, kif ukoll is-somma ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u disgħin Ewro €295 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut u depożitat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F Dsakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi full-time wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-Children's Allowance, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

3. Tilqa' limitatament ir-raba' talba attriċi fir-rigward ta' F Dbis-saħħa tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili u dan kif elenkat fit-taqsima numru 4(e) *'Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta: (i) Arretrati ta' Spejjeż relatati mas-Saħħa u Edukazzjoni tal-Minuri, (ii) Rifużjoni ta' Manteniment, (iii) Provvediment Ulterjuri*';

4. Tiċħad l-ewwel talba rikonvenzjonali;

5. Tilqa' limitatament it-tieni talba rikonvenzjonali fir-rigward ta' F Du tordna aċċess liberu bejn il-konvenut u l-minuri billi jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluż f'Jum il-Missier, għeluq żmien il-konvenut, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri;

6. Tilqa' limitatament it-tielet talba rikonvenzjonali fir-rigward ta' F Du tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) f'manteniment kull xahar, kif ukoll is-somma ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u disgħin Ewro (€295) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut u depożitat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F Dsakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi full-time wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-Children's Allowance, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

7. Tilqa' limitatament ir-raba' talba fir-rigward ta' F D bis-saħħa tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili u dan kif elenkat fit-taqsima numru 4(e) *'Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta: (i) Arretrati ta' Spejjeż relatati mas-Saħħa u Edukazzjoni tal-Minuri, (ii) Rifużjoni ta' Mateniment, (iii) Provvediment Ulterjuri*'.

Bl-ispejjeż kollha għandhom jiġu sapportati mill-konvenut.